*Anniversarju (2)*

# *Is-60 Anniversarju tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex (1950-2010)*



*kitba ta'* ANTON FARRUGIA

**Il-Leġjun ta' Marija kellu bidu mill-iktar umli u l-ewwel laqgħa seħħet fis-7 ta' Settembru 1921 fil-belt ta' Dublin, l-Irlanda. Fost dawk preżenti kien hemm il-fundatur, is-Serv t'Alla Frank Duff, li mimli bl-Ispirtu tad-Devozzjoni Vera lejn Marija kif mgħallma minn San Alwiġi Marija Grignon de Montfort, serva ta' strument doċli f'idejn il-Verġni Mbierka biex dan il-Moviment xtered mad-dinja kollha f'qasir żmien. L-għan prinċipali tal-Leġjun ta' Marija hu t-tqaddis tal-membri tiegħu permezz tat-Talb, it-Tagħlim u l-Appostolat.**

F'Malta l-Leġjun ta' Marija daħal fl-1940. Meta wieħed isemmi l-Leġjun ta' Marija fil-gżejjer tagħna, malajr iġib quddiem għajnejh lis-Sur Joseph Booker, li jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-annali tal-Leġjun. Hu kien diġà tefa' għajnejh fuq Għawdex u poġġa x-xewqa tiegħu f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu fis-Santwarju tagħha. Fil-bidu tas-sena 1949, meta hu kien President tal-*Comitium* f'Malta, s-Sur Booker sama' li l-Isqof t'Għawdex kien ser ikun fil-parroċċa tal-Mellieħa. Malajr sejjaħ lis-Sur Richard Bisazza, li kien il-Viċi-President tal-*Comitium*, kif ukoll lis-Sur Carmelo Formosa, Għawdxi minn San Lawrenz, li kien il-President tal-*Curia* taż-Żgħar *Imqaddsa Marija*, naturalment f'Malta, u t-tlieta rħewla lejn il-Mellieħa biex ikellmu lill-Isqof Pace. Spjegawlu kif il-Ġerarkiji Ekkleżjastiċi madwar id-dinja kollha ssaħħru wara l-Leġjun u talbuh iħalli l-Leġjun ta' Marija jidħol f'Għawdex.

L-Isqof Ġużeppi Pace kien devot kbir tal-Madonna u qal "iva" għal-Leġjun ta' Marija. Fis-7 ta' Diċembru 1949, lejliet il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, is-Sur Booker irċieva l-ittra tant mistennija mill-Kurja t'Għawdex fejn l-Isqof Pace ikkonferma fil-miktub il-kunsens li kien ta fil-Mellieħa għad-dħul tal-Leġjun f'Għawdex. **Fit-2 ta' Jannar 1950, is-Sinjuri Booker u Bisazza qasmu l-Fliegu, imħassbin dwar f'idejn min ser jafdaw il-Leġjun fil-gżira tat-tliet għoljiet. Iżda "id Marija kollha ħlewwa" inħasset ukoll fit-twelid tal-Leġjun f'Għawdex.**



*Ritratt storiku li juri lill-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi u l-E.T. Mons. Isqof Ġużeppi Pace ma' diversi Diretturi Spiritwali u uffiċjali tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex*

Fis-sena 1949, sena qabel il-bidu tal-Leġjun f'Għawdex, il-Providenza riedet li perit żagħżugħ is-Sur Joseph Degaetano u l-mara tiegħu, miżżewġin friski, jiġu joqogħdu f'Għawdex kawża ta' xogħol bħala perit tal-Gvern fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Kemm is-Sur Degaetano kif ukoll il-mara tiegħu kienu leġjunarji attivi. Lanqas laħqu rifsu ġewwa Għawdex li ma bdewx jitħabtu kemm jifilħu ħalli jinfetaħ l-ewwel *Praesidium* tal-Leġjun fil-gżira.

**Bil-Barka tal-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Pace, dan il-*Praesidium* ġie inawgurat fil-jum tal-Ħadd 22 ta' Jannar 1950 sena Marjana u Ġubilari, f'waħda mis-swali tal-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri taħt it-tmexxija spiritwali ta' Mons. Mikiel Cefai. Dan l-ewwel *Praesidium*, kien tal-irġiel u fuq ix-xewqa tal-istess Arċipriet Cefai, ingħata l-isem ta' *Madonna ta' Fatima*. Bħala President inħatar il-Kommendatur Edgar Montanaro, li dak iż-żmien kien Kummissarju għal Għawdex, l-ogħla kariga ċivili fil-gżira. Bħala segretarju u teżorier ġew maħtura s-Sur Xuereb u l-Ispiżjar Louis Abela rispettivament.**



*Diretturi Spiritwali, Uffiċjali u membri tal-Leġjun ta' Marija fl-1954*

Sitt ġimgħat biss wara l-ftuħ tal-ewwel *Praesidium* tal-irġiel, ġie inawgurat l-ewwel *Praesidium* tan-nisa



*Mons. Isqof Nikol Cauchi flimkien mad-Dir. Spiritwali Mons. Rużar Borg jagħmlu l-Wegħda Leġjunarja waqt il-funzjoni tal-Aċes fl-1995*

fil-jum tal-Erbgħa 8 ta' Marzu 1950 fl-iskola tas-Sorijiet Franġiskani tar-Rabat. Ippresediet is-Sinjura Dorothy Degaetano. Mons. Cefai aċċetta bil-qalb li jkun ukoll Direttur Spiritwali tal-*Praesidium* tan-nisa. Li ngħata l-isem *Madonna Ta' Pinu*. Bi pjaċir ngħidu li dawn iż-żewġ *Praesidia* għadhom kif jgħidu bl-Ingliż *still going strong.* L-ewwel *Praesidium* li twaqqaf barra l-belt Victoria kien dak tal-nisa fil-Munxar *Madonna tal-Karmnu* (13-05-1951) li din is-sena qed jiċċelebra t-3,000 laqgħa tiegħu.

**Nhar il-Ħadd 29 t'April 1951 ġiet inawgurata l-ewwel *Curia* (kunsill li jieħu ħsieb diversi *Praesidia* fi Djoċesi) f'din id-djoċesi.** Preżenti wkoll bħala Diretturi Spiritwali kien hemm Mons. Cefai u Mons. Andrea Vella, Kanoniku Kapiturali tal-Katidral, li dakinhar intagħżel bħala l-ewwel Direttur Spiritwali tal-*Curia* (fejn dam iservi sal-1975 meta warajh inħatar Mons. Rużar Ġ. Borg li għadu jservi sal-ġurnata tal-lum) li ġiet imsemmija **Coronata Curia**.

L-ewwel laqgħa tal-**Coronata Curia** (iktar tard **sub-Comitium** u mbagħad *Comitium* t'Għawdex li hu affiljat mar-**Regia ta' Malta**, l-għola Kunsill tal-Leġjun ta' Marija fil-gżejjer tagħna) saret fil-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani ġewwa r-Rabat. L-*Allocutio* sar mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Ġużeppi Pace. Wara l-*Allocutio* s-Sur Alexander Tabone ġie propost bħala l-ewwel President tal-*Curia.* Dan inħatar unanimament. Is-Sur Alexander Tabone u ftit wara anke l-mara tiegħu Edmea, kienu pijunieri distinti tal-Leġjun f'Għawdex.

Fit-tieni laqgħa li saret fil-kunvent ta' Santu Wistin nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 1951 ġew eletti l-uffiċjali l-oħra, Carmen Curmi bħala Viċi-Presidenta, Edmea Tabone bħala Segretarja u Louis Abela bħala teżorier.

**Illum, bl-appoġġ qawwi tal-E.T. Mons. Isqof Emeritus Nikol Cauchi u iktar reċenti tal-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, bl-għajnuna u l-interess ta' ħafna arċiprieti, kappillani u saċerdoti u bid-dedikazzjoni ta' ħafna membri lajċi, l-Leġjun ta' Marija jinsab f'kull parroċċa f'Għawdex. L-Isqfijiet t'Għawdex dejjem għarfu s-siwi tal-Leġjun fid-Djoċesi tagħhom u dejjem afdaw inizjattivi djoċesana importanti f'idejn il-leġjunarji. Barra minn hekk l-uffiċjali tal-Leġjun dejjem kienu minn ta' quddiem fl-istrutturi u fl-istituzzjonijiet prinċipali tal-Kurja Djoċesana, filwaqt li l-membri dejjem kellhom sehem ewlieni fil-funzjonijiet djoċesani.** Illum insibu ***praesidia*** (gruppi) tat-tfal, żgħażagħ u adulti, irġiel u nisa, li jiltaqgħu darba fil-ġimgħa u f'diversi ġranet u ħinijiet. Hemm ukoll numru kbir ta' membri awżiljarji.

Il-ħidma tal-Leġjun issir kemm f'Għawdex u Malta u anke barra minn Malta fejn isiru Proġetti ta' evanġelizzazzjoni magħrufa bħala *Pereginatio Pro Chirsto* f'diversi pajjiżi. Ta' kull sena l-Leġjun f'Għawdex jorganizza s-*Song Festival Marjan* li l-ewwel edizzjoni tiegħu, fuq inizjattiva tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi saret fl-1968. **Il-25 anniversarju tal-Leġjun (1975), il-50 anniversarju (2000) u s-sittin anniversarju (2010) ilkoll ġew imfakkra b'mod dinjituż b'konċelebrazzjonijiet tal-okkażjoni u l-pubblikazzjoni ta' xi ktieb tifkira.** Kellna wkoll ix-xorti li nilqgħu fostna diversi mistednin mill-*Concilium Legionis*, l-ogħla korp tal-Leġjun ta' Marija li jiltaqa' f'Dublin l-Irlanda. Fost dawn ta' min isemmi ż-żjara storika tal-President attwali s-Sur Tom McCabe fl-2005.

***Dettalji***

*Indirizz Postali:*

Post tal-Leġjun, Pjazza Santu Wistin, Victoria, Għawdex



*Il-President tal-Concilium Legionis is-Sur Tom McCabe u l-korrispondenta tal-Concilium għal Malta s-Sinjorina Rose Caulfield waqt iż-żjara tagħhom f'Għawdex f'Settembru 2005*



*Il-President tal-Concilium Legionis (Irlanda) is-Sur Tom McCabe waqt iż-żjara tiegħu f'Għawdex f'Settembru 2005*

*Telefon:*
21556385

*Sit elettroniku:*
www. gozolegion.org

*Indirizz elettroniku:*
gozolegion@gmail.com

**Il-bibien tal-Leġjun ta' Marija**
**huma miftuħa għalik ukoll.**

Xi statistika tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex fl-aħħar tal-2009.

| | |
|---|---|
| **Praesidia tal-Kbar (18+)** | **69** |
| 21 irġiel, 44 nisa, 4 imħalltin | |
| Membri Attivi Kbar (18+) | 519 |
| Membri Awżiljarji | 4383 |
| *Praesidia* taż-Żgħar (10-17) | 45 |
| Membri Attivi Żgħar (10-17) | 278 |
| Gruppi taż-Żgħar (taħt l-10) | 20 |
| Numru ta' membri bejn 14 and 30 | 100 |

**Presidenti tal-Leġjun ta' Marija (tal-Comitium) f'Għawdex (1950-2010)**

| | |
|---|---|
| Alexander Tabone (Victoria) | 1951-1957 |
| Paul G. Zammit (Victoria) | 1957-1958 |
| Nazzareno Calleja (Xewkija) | 1958-1964 |
| Paul G. Zammit (Victoria) | 1964-1967 |
| Joseph Pace (Kerċem) | 1967-1973 |
| Felicia Saliba (Sannat) | 1973-1979 |
| Peter Bartolo (Xagħra) | 1979-1985 |
| George Gauci (Victoria) | 1985-1986 |
| Nazzareno Calleja (Xewkija) | 1986-1992 |
| Carmel Grech (Victoria) | 1992-1998 |
| Alfred Grech (Munxar) | 1998-2004 |
| Carmelo Bajada (Xagħra) | 2004-2010 |
| Grezzju Cauchi (Għarb) | 2010- |



*L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech ma' xi Diretturi Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija*

(NB. Il-karigi tal-Uffiċjali fil-Leġjun, barra tad-Direttur Spiritwali, hi ta' 6 snin)

*(Il-parti l-kbira ta' dan l-artiklu ttieħdet mill-kontribuzzjoni ta' Anton Farrugia li ġiet ippubblikata fil-ktieb ta' tifkira tal-Ġublew tad-Deheb tal-Leġjun. Sar xi addattament żgħir minn Alfred Grech).*

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**

